**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SITT LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 42 – IT-TNEJN, 10 TA' SETTEMBRU 2012 FIL-5:30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Rita Saliba (6.15pm) | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Marica Bayliss | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud Bonnici | Kunsillier |
| | Violet Bajada (7.10pm) | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | David Dalli | Viċi Sindku |

1 **Approvazzjoni Minuti Numru 41**

1.1 Kien hemm korrezzjoni wahda. Fil paragrafu 3.1 għandha tinbidel il-kelma "reviżjoni" għall-kelma "rivużjoni"

1.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Mikhail Micallef issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Pagamenti Numru 68**

2.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Neville Mallia ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Ġiet diskussa t-talba tal-*Avantech* li jinsab fi Triq San Ġiljan, biex din it-triq tinfetaħ għat-traffiku min-naħa tar-*roundabout* tal-isptar minħabba li l-klijenti tagħhom qegħdin isibu diffikultà jsibu din l-azjenda. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li għandha ssir talba lil TM. Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ssekonda. Kien hemm 4 favur u 2 kontra.

3.1.1 Kien hemm qbil unanimu biex l-*Avantech* jingħatalu l-permess biex jitwaħħlu żewġ *bollards* quddiem il-bieb tiegħu.

3.2 Ġie deplorat il-kuntrattur tal-Enemalta li għamel sfreġu minn żewġ siġar tal- ħarrub li wara laqgħat mal-Kunsill kellhom jiġu trasferiti għal sit indikat mill-Kunsill. Għandha tinbagħat ittra lil Enemalta u din tiġi pubblika. Għandha tinbagħat ittra oħra lil Enemalta biex jiggarantixxu li s-sit fi Triq l-Ortolan tiġi *landscaped* u l-kamra li se tinbeda tiġi pulita kif ġie assigurat lill-Kunsill.

Is-Sinjura Rita Saliba daħlet għal-laqgħa fis-6.15pm

3.3 Għandha tinbagħat ittra lill-MRRA biex iċ-ċint fi Triq il-Venew li jddawwar il-masġar jogħla biex ma jibqax jinżel ħamrija minnu.

## 4 Affarijiet Oħra

4.1 Is-Sinjura Joan Farrugia pproponiet li jitneħħew l-iskips tar-reċiklar minn Triq l-Iskola minħabba li talbuha xi residenti. Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ssekonda. Kien hemm 3 favur (Joan Farrugia, Rita Saliba, Anthony Mifsud Bonnici), 3 kontra (Etienne Bonello Du Puis, Marica Bayliss, Neville Mallia) u wieħed astensjoni (Mikhail Micallef) Is-Sindku għamel il-*casting vote* kontra.

4.2 Is-Sinjura Rita Saliba staqsiet għaliex il-bankini li kellhom jingirfu l-wiċċ tagħhom għadhom ma sarux. Għandha tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur li tqabbad jagħmel dan ix-xogħol.

4.3 Is-Sur Mikhail Micallef talab biex jitħawwlu fjuri fis-*softarea* li tinsab fi Triq Birkikrara kantuniera ma’ Triq il-Kuċċard. Hu ippropona li l-bankijiet li jinsabu fi Triq Ugo Carbonaro jduru biex iħarsu lejn il-wied minflok lejn id-djar. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm 3 favur, 1 kontra u 3 astensjoni.

Is-Sinjura Violet Bajada daħlet għal-laqgħa fis-7.10pm

## 5 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 24 ta’ Settembru 2012 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**